# Durham 11.5.96

Joe Friggieri

Bla ħoss ix-xita traxxax
irqiq irqiq
u fuq il-belt qadima
niezla d-dalma.

Fix-xmara ħadranija
fid-dawl tal-lampi sofor
jilmaw id-djar u s-siġar
rashom 'l isfel.

Jgħaddi minn fuq il-pont
raġel bil-kelb;
jgħaddu warajh jixxenglu
żewġ namrati.

Fuq l-għolja, waħdu,
joħlom il-ħolm ta' disa' sekli ilu
il-katidral.

# data base

P. Sciberras

f'laboratorji storduti
u sodod illuppjati
kromosomi ultra mġienen
ikklonizzaw
wild il-kompjuter

robotika l-mixja,
drogata n-nisġa
ta' utopji virtwali
u vojt mingħajr qies.



# Ipokrezija

John Buttigieg

Kif nista' nemmen fikom, pożaturi
jekk intom tgerfxu bla permess ġo fija
u f'li għad nagħmel
bla kuxjenza

U tgħidu li għal artkom tagħmlu kollox.
u fl-istess ħin tassumu
x'jaqbel lilkom.

X'jimporta li x'imkien hemm nies ibatu,
jittendu biss mill-ħars stunat li jżebbeġ
biex jgħasses fuqhom,
u jien u int insiru numru ieħor
f'katalgu twil ta' paġni skonnoxxuti…

X'jimporta li x'imkien għad hemm mistura
uċuħ li ma jafux xi tkun it-tjieba,
u bla nteress jintrifsu l-ġrieħi tagħhom
u jekk ma jgħidu xejn
ħadd ma jitmagħhom…
X'jimporta.

Il-bieraħ ħabbat il-bieb u ftaħt bħas-soltu.
Quddiemi rajt jippoża wiċċ antik
daqs l-antiporta li ftaħt biex jidħol.

Ġie jżurni l-kandidat
li l-jum ta' qabel
għadda skantat – spjenat

f'estażi ta' glorja
bla ħajra li jsellem
jew jieqaf jitkellem.

Għal waqt ħassejtni l-iblah li jrid jgħid ħafna
U ma jistax